MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru. 65/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Lucia Saliba bint Francis Saliba u Antonia nee' Farrugia,
imwielda fl-24 ta' Ottubru, 1964 u residenti Flat 7, Hannah Court, Triq ta' Barda, Marsalforn, Ghawdex,
detentrici tal-karta tal-identita' numru 41764(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l' hawn fuq imsemmija Lucia Saliba li giet akkuzata talli nhar it-18 ta' Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 21:30hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1) Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika;

2) Ingurjat u jew hedded lil PS 559 J. Spiteri li huwa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bi hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;
3) U aktar talli saret recidiva permezz ta’ diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u dana skond il-fedina penali tal-istess Lucia Saliba;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghar-rigward tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi;

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni tal-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Ghadaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet (3) akkuza, fuq ammmissjoni ssibha hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u tikkundannaha multa ta’ mitt ewro (€100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------